

Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► **B** **IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2306/2002**  
**ta' l-20 ta' Diċembru 2002**

li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000  
dwar in-notifikazzjoni tal-prezzijiet tal-prodotti impurtati tas-sajd

(ĠU L 348, 21.12.2002, p. 94)

Emendat minn:

|                    |   | Ġurnal Uffiċjali |       |            |
|--------------------|---|------------------|-------|------------|
|                    |   | Nru              | Paġna | Data       |
| ► <b><u>M1</u></b> | Commission Regulation (EC) No 1792/2006 of 23 October 2006 (*)    | L 362            | 1     | 20.12.2006 |
| ► <b><u>M2</u></b> | Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 519/2013 tal-21 ta' Frar 2013 | L 158            | 74    | 10.6.2013  |

(\*) Dan l-att qatt ma ġie ppubblikat bil-Malti



**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2306/2002**

**ta' l-20 ta' Diċembru 2002**

**li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 dwar in-notifikazzjoni tal-prezzijiet tal-prodotti impurtati tas-sajd**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 tas-17 ta' Diċembru 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u l-akwakultura, <sup>(1)</sup> u b'mod partikolari l-Artikolu 29(5) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 29(4) tar-Regolament (KE) Nru 104/2000 jeħtieġ li l-Istati Membri javżaw lill-Kummissjoni regolarment dwar il-prezzijiet u l-kwantitajiet ta' importazzjonijiet ta' ċerti prodotti reġistrati fis-swieq jew inkella fil-portijiet tagħhom.
- (2) Għandha tkun stabbilita lista ġdida tas-swieq u l-portijiet li fihom l-importazzjonijiet jiġu reġistrati biex ikun kunsidrat il-volum attwali ta' l-importazzjonijiet.
- (3) Għandha ssir disposizzjoni għat-trasmissjoni mgħaġġla, f'format elettroniku ġdid, tad-*data* meħtieġa biex ikunu sorveljati l-prezzijiet ta' referenza.
- (4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2211/94 tat-12 ta' Settembru 1994, li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3759/92 dwar in-notifikazzjoni tal-prezzijiet ta' prodotti tas-sajd impurtati <sup>(2)</sup>, kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2805/1999 <sup>(3)</sup>, għandu għalhekk jitħassar.
- (5) Il-miżuri li hemm previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità ma' l-opinjoni tal-Kumitat tat-Tmexxija għall-Prodotti tas-Sajd,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. L-Istati Membri għandhom javżaw lill-Kummissjoni dwar il-prezzijiet u l-kwantitajiet ta' importazzjonijiet tal-prodotti li hemm inniżżla fl-Annessi I, II, III u IV għar-Regolament (KE) Nru 104/2000, li għal dawn il-prodotti, li qed jiġu rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera, hemm stabbilit prezz ta' referenza. Din l-informazzjoni għandha tkun maqsuma bil-kodiċi TARIC u bid-*data* tal-preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' l-importazzjoni.

2. Il-kriterju li dawn għandhom javżaw lill-Kummissjoni għandu jkun jgħodd għal minn ta' l-anqas il-prodotti rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera fis-swieq u l-portijiet inniżżla fit-Tabella 3 ta' l-Anness.

<sup>(1)</sup> ĠU L 17, tal-21.2.2000, p. 22.

<sup>(2)</sup> ĠU L 238, tat-13.09.1994, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 340, tal-31.12.1999, p. 51.

**▼B**

3. In-notifika għandha ssir sal-25 jum ta' kull xahar jew l-ewwel jum ta' xogħol minn dakinhar għall-prodotti rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera bejn l-ewwel u l-15-il jum tax-xahar, u sa l-għaxar jum tax-xahar ta' wara jew l-ewwel jum ta' xogħol minn dakinhar għall-prodotti rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera bejn is-sittax-il jum u l-aħħar ġurnata tax-xahar. Il-Kummissjoni għandha tkun avżata bil-posta elettronika fil-format muri fl-Anness.

*Artikolu 2*

Ir-Regolament (KE) Nru 2211/94 qed ikun imħassar.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2003.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.



## ANNEX

1. **Format tad-data**

| Nru tar-rekord      | Identifikazzjoni tar-rekord | Id-data involuta   | Format tad-data | Daqs Mass. | Valuri possibbli tad-data  |
|---------------------|-----------------------------|--|-----------------|------------|--|
| l-ewwel             | <TTL>                       | L-identifikazzjoni tal-messaġġ                               | Test            | 9          | MK-IMPORT  |
| it-tieni            | <RMS>                       | L-Istat Membru   | Text            | 3          | Ara t-Tabella 1  |
| it-tielet           | <DSE>                       | Data ta' meta ntbagħat                                       | SSSSXXJJ;       | 8          | ( <sup>1</sup> )   |
| ir-raba'            | <MTYP>                      | Tip ta' messaġġ ( <sup>2</sup> )                             | Test;           | 19         | NOTIFIKAZZJONI INS<br>NOTIFIKAZZJONI SUP<br>NOTIFIKAZZJONI REP<br>NOTIFIKAZZJONI INS<br>IN<br>NOTIFIKAZZJONI SUP<br>IN |
| il-ħames            | <LOTT>                      | Kodiċi ta' l-identifikazzjoni tal-messaġġ (mhux obligatorju) | Test;           | 16         | ( <sup>3</sup> )   |
| is-sitt             | <MON>                       | Kodiċi tal-munita  | Test;           | 3          | Ara t-Tabella 2 ( <sup>4</sup> )   |
| is-seba' u ta' wara | <DAT>                       | — Data ta' l-importazzjoni                                   | SSSSXXJJ;       | 8          |  |
|                     |                             | — Pajjiż kunsinnatarju (mhux obligatorju)                    | Test;           | 3          | ( <sup>7</sup> )   |
|                     |                             | — Il-Pajjiż ta' l-oriġini                                    | Test;           | 3          | ( <sup>7</sup> )   |
|                     |                             | — Nomenklatura magħquda u l-kodiċi Taric                     | Test;           | 10         | ( <sup>5</sup> )   |
|                     |                             | — Kodiċi Taric I Addizzjonali                                | Test;           | 4          | ( <sup>5</sup> )   |
|                     |                             | — Kodiċi Taric II Addizzjonali                               | Test;           | 4          | ( <sup>5</sup> )   |
|                     |                             | — Valur Impurtat   | Numru sħiħ;     | 15         | ( <sup>4</sup> ) ( <sup>6</sup> )  |
|                     |                             | — Kwantità impurtata, f'kg                                   | Numru sħiħ;     | 15         | ( <sup>6</sup> )   |
|                     |                             | — Il-port tad-dħul (mhux obligatorju)                        | Test;           | 8          | Ara t-Tabella 3  |

(<sup>1</sup>) Din għandha tkun id-data meta l-messaġġ ikun ġie ġenerat. Użat għall-verifika meta jkun hemm messaġġi aġġornati li jiġu wara.

(<sup>2</sup>) Uża NOTIFIKAZZJONI INS għar-rappurtar ta' messaġġi ġodda. Valuri oħra jippermettu għal messaġġi mibgħutin qabel u li għandhom jiġu modifikati jew kanċellati.

(<sup>3</sup>) Jekk użat, dan għandu jidentifika biss il-messaġġi kollha minn Stat Membru partikolari. L-ebda żewġ messaġġi tat-tip NOTIFIKAZZJONI INS li jkunu ġejjin mill-istess RMS ma jistgħu jużaw l-istess LOTT. Jekk ma jintużax, għandu jkun iġġenerat kodiċi alternattiv ta' identifikazzjoni permezz tas-sistema FIDES. Aktar dettalji tekniċi qed jingħataw fil-Vade Mecum.

(<sup>4</sup>) Ir-rekord MON juri l-munita użata fil-messaġġ. Il-valuri kollha fil-linji kollha DAT għandhom ikunu espressi f'dik il-munita.

(<sup>5</sup>) It-tariffa integrata tal-Komunitajiet Ewropej (Taric) (ĠU C 104 u C 104 A, tat-30.4.2002).

(<sup>6</sup>) Id-deċimali m'humiex permessi. Per eżempju, 43,56 għandu jsir 44.

(<sup>7</sup>) In-nomenklatura tal-pajjiż għall-istatistika tal-kummerċ estern tal-Komunità u l-istatistika tal-kummerċ bejn l-Istati Membri (Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2020/01 tal-15 ta' Ottubru 2001) (ĠU L 273, tas-16.10.2001, p. 6).

**▼ B****2. Il-Format tal-messaġġ****2.1. FIDES Format I**

Għall-amministrazzjonijiet ta' l-Istati Membri li ma jagħmlux użu sħiħ mill-FIDES II, għandu jintuża l-format li ġej. Il-fajl irid ikun wieħed ta' test magħmul minn seba' rekords separati:

- Kull ħaġa-waħda tad-*data* għandha tkun mifruda mill-ħaġa-waħda li tiġi warajha permezz ta' punt u virgola.
- Kull linja tal-messaġġ għandha tkun segwita b'għafsa tal-buttuna tat-treggiġh lura.

Dan għandu jkun jidher kif ġej:

```
<TTL>MK-IMPORT
<RMS>C(3)
<DSE>SSSSXXJJ;
<MTYP>C(19);
<LOTT>C(16);
<MON>C(3);
<DAT>SSSSXXJJ; C(3); C(3); C(10); C(4); C(4); N(15); N(15);
C(8);
<DAT>SSSSXXJJ; C(3); C(3); C(10); C(4); C(4); N(15); N(15);
C(8);
<DAT>SSSSXXJJ; C(3); C(3); C(10); C(4); C(4); N(15); N(15);
C(8);
...
```

**2.2. FIDES Format II**

Għall-amministrazzjonijiet ta' l-Istati Membri li jagħmlu użu sħiħ mill-FIDES II, għandu jintuża il-format li ġej:

```
<FIDES>2
<HEAD>
<TALBA.ISEM>MK-IMPORT
<TALBA. PAJJIŻ.ISO-A3>C(3)
<HEAD>
<KORP>
<DSE>SSSSXXJJ;
<MTYP>C(19);
<LOTT>C(16);
<MON>C(3);
<DAT>SSSSXXJJ; C(3); C(3); C(10); C(4); C(4); N(15); N(15);
C(8);
<DAT>SSSSXXJJ; C(3); C(3); C(10); C(4); C(4); N(15); N(15);
C(8);
<DAT>SSSSXXJJ; C(3); C(3); C(10); C(4); C(4); N(15); N(15);
C(8);
...
</KORP>
</FIDES 2>
```

▼ **B**3. **Kodiċi**

Tabella 1

**Kodiċi ta' l-Istati Membri**

|             | Kodiċi | L-Istat Membru |
|-------------|--------|----------------|
|             | AUT    | L-Awstrija     |
|             | BEL    | Il-Belġju      |
| ▼ <b>M1</b> | BGR    | Bulgaria       |
| ▼ <b>B</b>  | DEU    | Il-Ġermanja    |
|             | DNK    | Id-Danimarka   |
|             | ESP    | Spanja         |
|             | FIN    | Il-Finlandja   |
|             | FRA    | Franza         |
|             | GBR    | Ir-Renju Unit  |
|             | GRC    | Il-Greċja      |
| ▼ <b>M2</b> | HRV    | Il-Kroazja     |
| ▼ <b>B</b>  | IRL    | L-Irlanda      |
|             | ITA    | L-Italja       |
|             | LUX    | Il-Lussemburgu |
|             | NLD    | L-Olanda       |
|             | PRT    | Il-Portugall   |
| ▼ <b>M1</b> | ROU    | Romania        |
| ▼ <b>B</b>  | SWE    | L-Isvezja      |

Tabella 2

**Kodiċi tal-muniti kurrenti**

|             | Kodiċi | Muniti kurrenti  |
|-------------|--------|------------------|
| ▼ <b>M1</b> | BGN    | Bulgarian lev    |
| ▼ <b>B</b>  | DKK    | Krone Daniż      |
|             | EUR    | Euro             |
| ▼ <b>M2</b> | HRK    | kuna Kroata      |
| ▼ <b>B</b>  | SEK    | Krone Svediż     |
| ▼ <b>M1</b> | RON    | Romanian new leu |
| ▼ <b>B</b>  | GBP    | Lira Sterlina    |



Tabella 3

**Il-portijiet tad-dħul**

| L-Istat Membru | Kodiċi  | Port   |
|----------------|---|--|
| Il-Belġju      | BE001   | Oostende   |
|                | BE002   | Brugge   |
|                | BE003   | Zeebrugge  |
|                | BE004   | Antwerpen  |
| Id-Danimarka   | DK001   | Hirtshals  |
|                | DK002   | Skagen   |
|                | DK003   | Neksø  |
|                | DK004   | Hanstholm  |
| Il-Ġermanja    | L-uffiċji doganali kollha involuti fir-rilaxx ta' merkanzija f'ċirkolazzjoni libera |  |
| Il-Greċja      | GR000304  | Ateni l-Ajruport ta' Spata                         |
|                | GR000701  | Patras   |
|                | GR000731  | Aigio  |
|                | GR000832  | Oinofyta Voiotias                                  |
|                | GR001102  | Elefsina   |
|                | GR001902  | Irákleio   |
|                | GR002002  | Tessaloniki It-tieni Uffiċċju Doganali             |
|                | GR002005  | Tessaloniki Il-ħames Uffiċċju Doganali, l-Ajruport |
|                | GR002202  | Ioannina   |
|                | GR002302  | Kavala   |
|                | GR002602  | Korfù  |
|                | GR004005  | Piraeus Il-ħames Uffiċċju Doganali                 |
| Spanja         | ES001   | La Coruña  |
|                | ES002   | Vigo-Marín   |
|                | ES003   | Barċellona   |
|                | ES004   | Irún   |
|                | ES005   | Bilbao   |
|                | ES006   | Madrid   |
|                | ES007   | Valenza  |
|                | ES008   | Alicante   |
|                | ES009   | Algeciras  |
|                | ES010   | Cádiz  |
|                | ES011   | La Junquera  |
|                | ES012   | Las Palmas   |

▼ B

| L-Istat Membru            | Kodiċi   | Port                   |
|---------------------------|--|------------------------|
| Franza                    | FR001  | Bayonne                |
|                           | FR002  | Bordeaux               |
|                           | FR003  | Boulogne-sur-Mer       |
|                           | FR004  | La Rochelle-Rochefort  |
|                           | FR005  | Le Havre               |
|                           | FR006  | Lorient                |
|                           | FR007  | Marsilja               |
|                           | FR008  | L-Ajruport ta' Roissy  |
|                           | FR009  | d'intérêt de Rungis    |
|                           | FR010  | St-Denis-de-la-Réunion |
|                           | FR011  | St Malo                |
| ▼ <u>M2</u><br>Il-Kroazja | HR001  | Rijeka                 |
|                           | HR002  | Ploče                  |
| ▼ <u>B</u><br>L-Irlanda   | IE001  | Dublin                 |
|                           | IE002  | Killybegs              |
| L-Italja                  | IT001  | Ġenova                 |
|                           | IT002  | Livorno                |
|                           | IT003  | Salerno                |
|                           | IT004  | La Spezia              |
|                           | IT005  | Ancona                 |
|                           | IT006  | Fortezza               |
|                           | IT007  | Bari                   |
|                           | IT008  | Ruma 1o centrale       |
|                           | IT009  | Palermo                |
| L-Olanda                  | L-uffiċċji doganali kollha involuti fir-rilaxx ta' merkanzija f'ċirkolazzjoni libera |                        |
| Il-Portugall              | PT001  | Viana do Castelo       |
|                           | PT002  | Oporto                 |
|                           | PT003  | Aveiro                 |
|                           | PT004  | Peniche                |
|                           | PT005  | Lisbona                |
|                           | PT006  | Portimão               |

**▼ B**

| L-Istat Membru | Kodiċi   | Port  |  |
|----------------|--|---|--|
|                | PT007  | Olhão   |  |
|                | PT008  | Funchal (Madeira)   |  |
|                | PT009  | Horta (Ilha do Faial, Açores)   |  |
|                | PT010  | Praia da Vitória (Ilha Terceira, Açores)                                    |  |
|                | PT011  | Ponta Delgada (Ilha de S. Miguel, Açores)                                   |  |
| Ir-Renju Unit  | GB001  | Grimsby   |  |
|                | GB002  | Hull  |  |
|                | GB003  | Aberdeen  |  |
|                | GB004  | Immingham   |  |
| Il-Finlandja   | FI001  | Helsinki  |  |
|                | FI002  | Tornio  |  |
|                | FI003  | Turku   |  |
| L-Isvezja      | SE001  | Karlskrona  |  |
|                | SE002  | Svinesund   |  |
| L-Awstrija     | L-uffiċċji doganali kollha involuti fir-rilaxx ta' merkanzija f'ċirkolazzjoni libera |   |  |
| Il-Lussemburgu | L-uffiċċji doganali kollha involuti fir-rilaxx ta' merkanzija f'ċirkolazzjoni libera |   |  |
| <b>▼ M1</b>    | Bulgaria   | All customs offices involved in the release of goods into free circulation  |  |
|                | Romania  | All customs offices involved in the release of goods into free circulation. |  |